MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 2155/2003

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Angela Galea**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Ottubru, 2003, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici nomine et. s-somma ta' mitejn u u tnejn u ghoxrin lira Maltin u dsatax-il centezmu (Lm222.19) rappresentanti hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta attrici lill-konvenuta in konnessjoni ma'mobile phone bin-numru 99498147.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestruipprezentat kontestwalment ma'l-avviz u bl-imghaxijiet legali mid-data meta l-ammont pretiz f'din it-talba kien dovut sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta .

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta, ma dehritx la fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2003, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn u tnejn u ghoxrin lira Maltin u dsatax-il centezmu (Lm222.19), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru ipprezentatat kontestwalment ma'l-avviz ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------